MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**

**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 117/2006/1

**Martin Xerri**

**v.**

**Joseph Rapa u Carmel Rapa**

**Preliminari**

**1.** Din hi ritrattazzjoni minn appell li sar minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Awwissu 2009 li permezz taghha din il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka dik is-sentenza, inkwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmel Rapa:

"1. Thassarha u tirrevokha inkwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Rapa u cahdet it-talbiet tal-attur inkwantu dawn jirreferu ghal dan il-konvenut bl-ispejjez ta' dan il-konvenut a karigu tal-attur u minflok, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut appellat Carmelo Rapa, tiddikjara lill-istess konvenut appellat Carmelo Rapa responsabbli, flimkien u in solidum mal-konvenut appellat l-iehor Joseph Rapa, ghall-hsara li sofra l-attur fl-incident li sehh fis-27 ta' Awwissu 2006 gewwa Ghajnsielem, Ghawdex u konsegwentement tikkundannah ihallas, flimkien u in solidum mal-konvenut appellat l-iehor Joseph Rapa, id-danni u l-ispejjez gudizzjarji;

"2. Thassarha u tirrevokaha inkwantu llikwidat id-danni kif jinghad fl-istess sentenza u minflok tillikwida danni f'ammont verjuri kif dettaljat u spjegat hawn fuq u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti appellati, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsu dawn id-danni likwidati minn din l-Onorabbli Qorti; u

"3. Thassarha u tirrevokaha inkwantu kkundunnat lill-esponenti jhallas l-ispejjez gudizzjarji tal-konvenut appellat Carmelo Rapa u tal-espert mediku Norbert Vella u minflok, tikkundanna lill-konvenuti appellati, flimkien u in solidum bejniethom, ihallsu l-ispejjez gudizzjarji kollha;

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."

**2.** Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu li l-appell jigi michud u li s-sentenza tigi konfermata *in toto*.

**3.** Rat is-sentenza appellata li qed tigi riprodotta fl-intier taghha:

"Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attur fid-9 ta' Ottubru 2006 fejn ippremetta :

"Fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu 2006 kienet giet celebrata fir-rahal ta' Ghajnsielem, Ghawdex il-festa tal-Madonna ta' Loreto.

"Sbieh it-Tnejn filghodu ghal habta tat-1.45a.m. l-attur sellem lil kull min kien qieghed fil-kazin tan-Nazzjonalisti li hemm fl-istess rahal u kien hiereg il-barra sabiex imur jorqod.

"F'mument minhom semgha l-ghajjat u lemah lill-konvenut Joseph Rapa jghajjat b'mod isteriku ma' martu, jaggrediha u anki beda vjolentement isawwatha.

"L-attur minn jeddu mar sabiex jikkalma s-sitwazzjoni u jwaqqaf lill-konvenut Joseph Rapa milli jkompli jsawwat u jaggredixxi lill-martu, Marija Rapa.

"Wara li irnexxilu jikkalma s-sitwazzjoni, Joseph Rapa ghal darba ohra hebb ghal martu u teffahha fl-art.

"Waqt li l-attur kien qieghed jerfa' mill-art lil Marija Rapa, gie ingustament imsawwat b'vjolenza mill-konvenuti Joseph Rapa u Carmel Rapa – l-ewwel wiehed fajjarlu daqqa ta' briksa ghal fuq ghajnu il-leminija u simultanjament f'temp ta' sekondi mad-daqqa u waqt li l-attur kien qieghed jikkrolla u nizel lejn

art, il-konvenut l-iehor, Carmel Rapa b'intenzjoni predeterminata u kif kien miftiehem mal-istess konvenut l-iehor Joseph Rapa fajjarlu daqqa ta' siggu ghal fuq in-naha ta' wara tal-kranju tieghu.

“Illi l-attur intelaq fl-art u ghal ftit minuti kien mitluf min sensih u gie assistit min diversi u ittiehed l-Isptar Generali ta' Ghawdex.

“Illi kawza tal-istess aggressjoni ingusta u minghajr ebda provokazzjoni taz-zewg konvenuti, flimkien bejniethom, ir-rikorrenti tielef id-dawl l-ghajnejh il-leminija u kien mehtieg li jsirulu hames punti f'rasu u fil-fatt huwa ghadu sal-llum ibaghti min ugiegh ta' ras, specjalment fin-nahha tal-kranju u jistordi ta' spiss u ma jiflahx id-dawl tax-xemx, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza;

“Ghalhekk l-attur soffra offizi gravi fuq persuntu, liema offizi gravi kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' gismu, tant li huwa sofra difett permanenti fuq persunthu billi, kif diga gie spegjat fil-paragrafu precedenti, huwa tilef il-vista fuq ghajnu l-leminija u debilitazzjoni permanenti fil-kranju ta' mohhu, li mhuwiex kapaci li jmur lura ghax-xoghol normali tieghu ghaliex lanqas id-dawl tax-xemx ma jiflah;

“Bhala prova ta' dana ir-rikorrenti qieghed jesebixix kopja ta' certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Thomas F. Fenech kopja ta' liema huwa hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A"

“Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati biex bonarjament u insolidum bejniethom jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tal-istess danni, dawna baqghu inadempjenti;

“Ghalhekk l-attur talab lil din il-qorti;

> “1. Tiddikjara li l-istess konvenuti huma unikament u in solidum bejniethom responsabbli ghall-incident hawn fuq deskritt u li fih l-attur sofra feriti permanenti u debilita' fuq il-persuna tieghu.

“2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-istess attur minhabba l-incident hawn fuq deskritt, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fil-kwalita’ ta’ *lucrum cessans* u telf ta’ xoghol, u dana permezz ta’ perit li jigi nominat ghall-istess fini.

“3. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lill-attur d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

“Rat ir-risposta guramentata ta’ Carmelo Rapa prezentata fit-13 ta’ Novembru 2006 (fol. 8) :

“1. It-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex ma hemm ebda kawzalita bejn il-fatti imputati lill-esponenti ghad-danni reklamati.

“2. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal premess, huwa l-istess attur li huwa responsabbli ghad-danni sofferti ghaliex kif ghad irid jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kien l-istess attur li pprovoka l-incident.

“3. Bhala fatt jirrizulta minn dak li jiddikjara l-istess attur li l-esponent mhux responsabbli ghall-incident li rizultat tieghu huwa allegat li l-attur sofra danni u debilitazzjoni permanenti.

“4. Illi kif qed jghid l-istess attur kien hu stess li interxjena minn jeddu fi kwistjoni li kien hemm bejn il-konvenut l-iehor u martu. Jirrizulta wkoll li mhux tassew li l-attur mar minn jeddu biex jikkalma s-sitwazzjoni izda meta fi stat ta’ sokor huwa beda jisfida lil dak u lill-iehor u hekk ukoll ghamel fil-konfront tal-konvenut l-iehor. Ma kienx il-kaz li mar biex jikkalma s-sitwazzjoni kif jghid il-gurament tieghu izda effettivament mar biex jiggieled mal-konvenut l-iehor.

“5. Skond il-verzjoni tal-attur, l-esponenti huwa ezenti minn kull responsabilita’ u ghalhekk l-inkluzzjoni tieghu f’dan il-gudizzju hija bla

ebda bazi u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Skond l-istess attur il-konvenut Joseph Rapa ‘fajjarlu daqqa ta’ briska ghal fuq ghajnu l-leminija.’ Id-debilitazzjoni lamentata hija f’ghajnhu l-leminija.

“6. Il-kawza tal-aggressjoni li spiccat fil-ferita f’ghajnejn il-leminija tal-attur, kien l-istess attur li kien fi stat ta’ inebilta’ u kien qed ifittex il-glied. Kuntrarjament ghal dak li qed jipprova jghid l-istess attur ma kien hemm ebda ftehim predeterminat bejn il-konvenut l-iehor u l-esponenti, anzi qabel gara l-incident it-tnejn kienu qeghdin jixorbu flimkien.

“Rat ir-risposta guramentata (fol. 10) ta’ Joseph Rapa :-

“1. L-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur in kwantu l-incident hemm imsemmi sehh unikament bhala konsegwenza ta’ l-agir ta’ l-istess attur illi minghajr assolutament ebda provokazzjoni jew indikazzjoni qabad u hebb ghall-esponenti u aggredih fizikament b’mod vjolenti.

“2. L-esponenti irreagixxa biss u unikament bil-mod kif seta’ biex jiddefendi ruhhu minn tali aggressjoni hekk mhux provokata, u l-agir kollu ta’ l-esponenti fl-ewwel lok kien intiz strettament bhala legittima difesa li n-necessita’ taghha kienet ghal kollox dettata mic-cirkostanzi immedjati u subitanei li gie rinfaccjat bihom l-esponenti htija ta’ l-agir ta’ l-attur innifsu u fit-tieni lok dan l-agir ma kienx tali kif imsemmi mill-attur fir-rikors de quo.

“3. Isegwi ghalhekk illi ma hemm ebda danni x’jigu likwidati fil-konfront ta’ l-esponenti, in kwantu kull dannu soffert mill-attur kien konsegwenza ta’ l-agir tieghu kif fuq premess.

“4. Isegwi ulterjorment illi l-esponenti ma ghandux jigi kundannat li jhallas ebda tali danni likwidati kif mitlub mill-attur.

“Rat id-digriet moghti fit-18 ta’ April 2007 fejn il-qorti, fin-nuqqas ta’ opposizzjoni tal-konvenut, laqghet it-talba tal-atturi sabiex jipprezenta kopja tax-xhieda li nghatat fl-atti tal-kumpilazzjoni sabiex dawn iservu bhala prova f’din il-kawza.

“Rat ir-rapport tal-periti gudizzjarji (fol. 190).

“Rat in-nota prezentata minn Joseph Rapa li permezz taghha talab in-nomina ta’ periti addizzjonali (fol. 210), liema talba ma baqax jinsisti dwarha tant li fis-seduta tad-19 ta’ Dicembru 2008 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx x’izidu u li l-kawza setghet tibqa’ differita ghas-sentenza.

“Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

“Ikkunsidrat:-

“1. Il-kawza tittratta incident li sehh fit-28 ta’ Awwissu 2006 ghal habta tas-1.45 ta’ filghodu. Fis-27 ta’ Awissu 2006 kienet qeghda tigi celebrata l-festa tar-rahal ta’ Ghajnsielem. Inqala’ glied u l-attur gie midrub. L-attur jallega li Joseph Rapa tah daqqa f’ghajnejh bi briksa filwaqt li l-konvenut l-iehor tah daqqa ta’ siggu tal-hadid fuq rasu. Min-naha tal-konvenut Carmelo Rapa jsostni li kien l-attur li pprovoka l-incident, filwaqt li l-konvenut Joseph Rapa jsostni li kien l-attur li aggredieh u kull ma ghamel kien li ddefenda ruhu (**legittima difesa**).

“2. Permezz ta’ rikors prezentat fis-7 ta’ Frar 2008 (fol. 170), il-konvenut Carmel Rapa kien iddikjara li ma jixtieqx jixhed qabel tinqata’ l-kawza kriminali pendenti kontra tieghu u li tittratta l-istess incident meritu tal-kawza. Madankollu fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2008 ghazel li jixhed. Ghalhekk il-qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmi rikors.

“3. Ghal dak li jikkoncerna **Carmelo Rapa**, il-qorti m’ghandha l-ebda diffikulta, wara li semghetu jixhed *viva voce* fis-seduta tat-8 ta’ Lulju 2008, li tghid li fil-konfront tieghu zgur li ma kien hemm l-ebda provokazzjoni min-naha tal-attur. Carmelo Rapa kkonferma li mar minn wara l-attur u tah daqqa ta’ siggu tal-hadid. Qal li ghamel hekk: *“ .... ghaliex ma ridtx niehu riskju illi Martin Xerri nipprova mmur inferqu minn ma’ Rapa biex ma jkomplix itieh u jfajjarli xi daqqa ta’ ponn f’wicci. Jiena xejjirtlu s-siggu ghaliex f’dawk ic-cirkostanzi hekk deherli li ghandi naghmel biex forsi Xerri*

*ma jibqax iross bis-siggu lil Joseph Rapa li kien mixhu ma' l-art. Nikkonferma li kien hemm diversi rgiel prezenti."* (fol. 209).

"Hu principju li *"In most civil actions, the burden of the issues is divided, each party having one or more cast upon him. Certainly if the defendant responds to a claim, not by merely denying its existence, but by raising a defence to it, the burden of proving all the elements of the defence will be on him....... And in negligence, the onus of proving the negligence is upon the plaintiff, but if the defendant pleads contributory negligence, the onus of proving it is upon him."*[1].

"Joseph Rapa rrilaxxa stqarrija lill-pulizija (fol. 82), u mkien ma ta l-verzjoni moghtija minn Carmelo Rapa. Dan minkejja li fin-nota ta' sottomissjonijiet[2] Joseph Rapa pprova, tlett snin wara l-incident, jaddotta l-verzjoni ta' Carmel Rapa li kien mitfuh fl-art u l-attur kien qieghed iross siggu fuqu. Joseph Rapa fl-ebda stadju tal-procediment ma kkontesta dak li qal fl-istqarrija tat-28 ta' Awwissu 2006. L-istess Carmelo Rapa ma ressaq l-ebda xhieda sabiex jikkoraboraw l-verzjoni tieghu ta x'kien qieghed jigri fil-hin li qabad is-siggu u ta daqqa lill-attur. Dan minkejja li qal li kien hemm ***"diversi rgiel"*** li raw din ix-xena. Inoltre, dawk li xehedu[3] ma qalux li fil-hin li Carmel Rapa ta d-daqqa ta' siggu, l-attur kien b'siggu qieghed iross mal-art lil Joseph Rapa. Irrispettivament dwar min kien responsabbli ghall-incident bejn l-attur u l-konvenut l-iehor, Carmelo Rapa dahal fl-inkwiet bla bzonn. Ma kellu qatt ifajjar daqqa ta' siggu. Hu stramb ukoll kif Carmelo Rapa qal li kif ta daqqa ta' siggu lill-attur telaq u mar lejn id-dar. Ghall-qorti dan l-atteggjament ma jirriflettix ir-rieda ta' persuna li tghin lil haddiehor li jkun jinsab f'diffikulta minhabba aggressjoni. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li minn xhieda ohra rrizulta li Carmel Rapa ta d-daqqa ta' siggu mumenti wara li Joseph Rapa kien ta daqqa ta' briksa f'wicc l-attur (ara per ezempju deposizzjoni ta' Brian Muscat[4]), cjoe' meta l-attur kien diga' dghajjef.

"Il-qorti hi moralment konvinta li l-verzjoni li ta Carmelo Rapa (seduta tat-8 ta' Frar 2008) mhi xejn ghajr tentattiv fjakk sabiex jipprova jiggustifika l-agir tieghu u ma jidhirx li tikkorrispondi ghall-verita'. Ovvjament il-kwistjoni

[1] *Elliott and Phipson Manual of the Law of Evidence*, Derek William Elliott Sweet & Maxwell (Edizzjoni 12, 1987) pagna 55.
[2] Prezentata fl-4 ta' Mejju 2009.
[3] Inkluz Stephen Ciantar.
[4] Seduta tat-28 ta' Gunju 2007 a fol. 134-135.

dwar jekk hemmx kawzalita' bejn l-agir ta' Carmelo Rapa u d-danni li sofra l-attur, hi materja differenti. Dan qieghed jinghad in kwantu mill-provi rrizulta li t-telf fil-vista ta' l-ghajn il-leminija ma kienx b'rizultat tad-daqqa ta' siggu li tah Carmelo Rapa. L-attur kellu jaghti prova mhux biss tal-att (f'dan il-kaz id-daqqa ta' siggu) izda li dak l-att ghandu konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni li sofra. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li d-debilita' permanenti li qieghed ibaghati minnha l-attur hi rizultat tad-daqqa ta' siggu li qala' minghand Carmelo Rapa, iktar u iktar meta skond ir-rapport tal-perit mediku Norbert Vella *"There is no evidence of any significant neurological sequelae. In conclusion, Mr Xerri has no permanent neurological impairment resulting from the August 28, 2006 incident"* (fol. 197), u l-ugiegh ta' ras *"...is probably related to* ***stress, poor sleep and inappropriate posture."***. Mid-deposizzjoni ta' Mr Thomas Fenech (seduta tat-3 ta' Settembru 2007[5]), il-qorti temmen li fuq bazi ta' probabilta' kienet id-daqqa ta' briksa li l-attur qala' f'wiccu li waslet biex jitlef il-vista f'ghajnejh il-leminija; *"Nghid illi din kienet bil-fors daqqa direttament fuq l-ghajn u cioe' bullseye fis-sens illi d-daqqa bilfors li kellha tkun direttament fuq l-ghajn u mhux ma l-ghadam."* (fol. 146). M'hemmx indikazzjoni li setghet saret b'xi haga ohra. Ghalkemm Mr Thomas Fenech ma eskludix li l-ferita fl-ghajn setghet kienet daqqa minn wara, m'hemm l-ebda indizju li gara hekk. L-attur stess spjega kif qala' daqqa ta' briksa f'ghajnejh tal-lemin (fol. 59). Inoltre, il-qorti ma tarax kif mill-provi li tressqu quddiemha tista', fuq bazi ta' probabilita', tghid li l-ferita saret wara li l-attur waqa' u bil-piz tieghu laqghat ghajnejh ma *".....tarf ta' mejda jew anke ma xi siggu jew xi haga fl-art.[6]"* (fol. 145). Ghalkemm fir-rigward tal-mistoqsija jekk il-ferita setatx saret bi briksa, Mr Fenech wiegeb li *"**huwa possibbli**, pero' dejjem jekk din kienet bil-kantuniera jew rokna taghha."* (fol. 146), il-qorti hi xorta tal-fehma li mill-provi li tressqu u fuq bazi ta' probabilita' din kienet l-oggetta li biha saret il-ferita f'ghajnejn l-attur. M'hemmx indizju li seta' kien xi haga ohra. Inoltre mic-certifikat mediku datat 28 ta' Awwissu 2006 jirrizulta li meta l-attur iddahhal l-isptar, *"He was fully conscious"* (fol. 85). Ghalkemm jinghad li kellu *"haemataoma parietal region"* (fir-ras), ma jirrizultax li kien hemm xi kumplikazzjoni. Fic-cirkostanzi, fil-fehma tal-qorti ma tressqux provi sodisfacenti li fuq bazi ta' probabilita' n-*novus actus interveniens*, cjoe' daqqa b'siggu li ta Carmel Rapa, ikkagunat il-hsara jew ikkontribwit ghalih.

"4. Fir-rigward tal-konvenut **Joseph Rapa** baqa' ma xehedx, u d-difiza tieghu hi bazata fuq il-**legittima difesa**. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut Joseph Rapa argumenta li kien hemm provokazzjoni min-naha

[5] Fol. 144.
[6] Mr Thomas Fenech waqt is-seduta tat-3 ta' Settembru 2007.

tal-attur. Pero' m'huwiex permess lill-konvenut li fl-istadju tat-trattazzjoni jbiddel jew izid mad-difiza li jkun ta fir-risposta guramentata. Fil-kawza **Vincent Camilleri et v. Gaetano Aquilina**[7], deciza fis-16 ta' Marzu, 2004 gie ritenut li "*in-nota tal-eccezzjonijiet tinkwadra l-linja difensjonali tal-konvenut ghat-talbiet li jkunu saru fic-citazzjoni u mhux korrett u lanqas ma ghandu jigi permess li, fi stadju inoltrat tal-kawza meta li stadju tal-provi jkunu maghluq....il-kontro-parti tigi rinfaccata b'linja difensjonali gdida minghajr ma jigu osservati r-regoli procedurali.*" [8].

"M'hemmx dubju li Joseph Rapa kien qieghed jargumenta ma' martu. M'hemmx dubju wkoll li l-konvenut qabad briksa mill-art u ta daqqa biha lill-attur f'wiccu. Fl-istqarrija li ta lill-pulizija, Joseph Rapa ddikjara: *"Kont qieghed hemmhekk u giet il-mara tieghi titlob l-flus u jien ghedtilha biex ma tonfoqx izjed u bdiet tghajjat. F'hin minnhom gie Martin u tefghani mal-art u lil mara wkoll. Smajtu jghid ghax nigu minn xulxin. Kull meta bdejt nipprova nqum rega beda jitfani mal-art xi tlett darbiet. Jien bzajt u tlajt lejn il-knisja il-qadima. Martin rega gie ghalija u jien ghedtlu "lili hallini" u hu qalli "jien noqtlok irrid". Imbaghad jien qbadt briksa li kien hemm mal-art u tajthielu f'mohhu biex ihallini ghal dak il-hin kien ha jaqbadni minn ghonqi."* (fol. 82).

"Sfortunatament dan kien incident beda mix-xejn u spicca biex persuna tilfet il-vista totali minn ghajn[9]. Jidher li Joseph Rapa u martu (li ma tressqitx bhala xhud) kienu qeghdin jillitikaw u l-attur mar sabiex jifridhom. Wiehed mix-xhieda qal li *"Dak il-hin Martin kien qed jipprova jifred lil Joe minn ma' martu biex ma jkomplix isawwatha."* (fol. 65). Mary Zerafa, xhud indipendenti, qalet: *"Jiena nghid illi Martin Xerri intervjena biex jifred lil Joseph Rapa minn ma' martu.* ***Martin Xerri dahal bejniethom. Beda jipprova jifridhom. Meta intervjena Martin Xerri ma ghamilhiex bi glied, kif ghidt, beda jifridhom****. B'zewg idejn jipprova jifridhom minn xulxin."* (fol. 116). Il-kwistjoni ma waqfitx u jidher li l-attur u l-konvenut gew fl-idejn. Mart il-konvenut regghet spiccat mal-art, u l-attur mar ighinha tqum mill-art. Kien f'dak il-hin li jidher li l-attur qala' daqqa ta' briksa f'wiccu

---

[7] Qorti tal-Appell.

[8] Min jagixxi minhabba provokazzjoni jrid ikollu l-*calor rixae* in kwantu jitlef il-kontroll tieghu, u kuncettwalment hi differenti mil-legittima difiza; *"Fil-kaz tal-legittima difiza wiehed johrog mill-kamp tal-provokazzjoni kompletament u jidhol fil-kamp tal-minaccja ta' perikolu attwali u immedjat ta' dak li hu kkontemplat fil-ligi cjoe' perikolu tal-mewt jew ta' offiza fuq il-persuna jew fuq il-kastita'. Il-provokazzjoni hija koncett totalment differenti u mhux kull att provokatorju jwassal ghall-legittima difiza."* (**Ir-Repubblika ta' Malta vs Nazzareno sive Reno Mercieca et** deciza fil-15 ta' Mejju 1995).

[9] Ara certifikat mediku ta' Mr Thomas Fenech (fol. 4) u rapport tal-perit mediku Mr Franco Mercieca (fol. 138).

[ara f'dan il-kuntest xhieda ta' Stephen Cutajar (fol. 65) u Loreta Farrugia, oht l-attur (fol. 114)].

"Il-qorti hi tal-fehma li mill-provi li tressqu ma kien hemm l-ebda raguni valida ghalfejn Joseph Rapa ta daqqa bi briksa lill-attur. Il-qorti m'hijiex tara li kien hemm xenarju tali li kien jiggustifika dan l-agir minn Joseph Rapa, li fl-istqarrija ammetta wkoll li ***"kont xrobt sewwa"*** (fol. 83). Fl-istess stqarrija qal:

***""M. Il-gebla minfejn qbadtha ezatt ?***

***"T Il-gebla giet f'idejja lejn in-naha tal-Pjazza.***

***"M Allura int ergajt mort lura lejn fejn kien hemm Martin, sewwa qed nghid ?***

***"T Iva, biex nghaddi biex immur lejn id-dar"*** (fol. 83).

"Fil-fehma tal-qorti minn din il-verzjoni ma jirrizultax li l-konvenut Joseph Rapa kien f'xi periklu, u lanqas ma kien hemm sitwazzjoni inevitabbli. Fil-fatt kien hu stess li rega' mar hdejn l-attur bil-briksa f'idu, bl-iskuza li ried imur lura lejn id-dar. Minflok jipprova jevita l-konfront u jirtira, il-konvenut mar jerga' jfittex l-inkwiet. Dan il-fatt fih innifsu juri li l-konvenut ma kienx qieghed ihossu f'periklu, tant li ammetta li mar hdejn l-attur. Il-qorti hi moralment konvinta li Joseph Rapa ta daqqa lill-attur bil-briksa sabiex ippattihilu u mhux kif qal fir-risposta guramentata sabiex jiddefendi ruhu mill-aggressjoni tal-attur, jew kif qal fin-nota ta' sottomissjonijiet *".....sabiex seta' jizgikkalu* (recte, jizgiccalu)*."* (fol. 278). Mill-atti lanqas ma jirrizulta li Joseph Rapa sofra xi griehi, ghallinqas ma tressqet l-ebda prova medika f'dan is-sens ghalkemm fl-istqarrija li nghatat lill-pulizija qal li kellu daqqa f'rasu. Il-qorti ma tistax tispjega mod iehor l-verzjoni ta' Joseph Rapa kif riprodotta fl-istqarrija, li taghti x'tifhem li kien hemm ritaljazzjoni min-naha tieghu li kienet teccedi kull limitu ghal fatt li l-attur indahal fil-kwistjoni bejnu u martu. Stephen Cutajar spjega li fil-hin li Rapa ta d-daqqa ta' briksa, l-attur kien qieghed ighin lill-mara ta' Rapa tqum mill-art. Oht l-attur xehedet: *"Jiena lil Joseph Rapa rajtu ukoll b'gebla, anzi brick, li tintuza fil-bankini, f'idu. Jiena rajt lil hija Martin. Fil-pront il-konvenut l-iehor tah zewg daqqiet b'siggu."* (fol. 114). Il-konvenut Joseph Rapa ma rnexxilux jaghti prova li l-agir tal-attur fil-konfront tieghu kien jiggustifika li jaghti daqqa ta' briksa f'wicc l-attur. Daqqa li jidher li nghatat f'mument meta l-attur kien aljenat. Daqqa li l-qorti ma temminx li nghatat sabiex Rapa jiddefendi ruhu minn aggressjoni tal-attur.

"Inoltre u f'kull kaz mix-xhieda hu wkoll evidenti li Joseph Rapa mar oltre dak li kien mehtieg meta ta d-daqqa ta' briksa. Ma jirrizultax li fil-hin li Joseph Rapa ta d-daqqa bil-briksa kien hemm dak il-periklu li ma setax jaghmel mod iehor. Fil-kawza **Anthony Caruana vs William Cock** deciza fl-20 ta' Ottubru 2008, il-Qorti tal-Appell osservat li f'difiza ta' legittima difesa, punt kardinali hu li: *"ir-reazzjoni b'legittima difesa trid tkun **proporzjonali ghall-aggressjoni subita ghaliex jekk wiehed imur oltre dak li hu strettament mehtieg ikun hemm l-eccess ta' legittima difesa**"*. Il-hsara lill-attur giet inflitta b'oggett u m'hemmx dubju li d-daqqa nghatat b'sahha; *"Mill-ezami li ghamilt jien nisa' nghid li kienet daqqa kbira hafna."*[10]. F'notamenti klinici bid-data tat-18 ta' Ottubru 2006, jinghad: *"On examination he was found to be suffering from.......and perforatin of the right eye. The latter was so severe that there was no light perception."* (fol. 86). Fil-fehma tal-qorti r-reazzjoni tal-konvenut Joseph Rapa kienet ghal kollox barra minn kull proporzjon fic-cirkostanzi partikolari, minkejja l-fatt li l-attur ghandu statura ikbar u hu wkoll evidenti li hu izghar fl-eta'.

"5. F'dan l-incident l-attur tilef il-vista ta' ghajnejh il-leminija. L-esperti medici waslu ghal konkluzjoni li l-attur qieghed isofri minn debilita' ta' **28%**. Dan wara li l-espert Mr Franco Mercieca iffissa rata' ta' 17% ghat-telf ta' l-ghajn, u Dr David Cassar rata ta' 13% ghall-ansjeta' u stat ta' depressjoni kagunati bl-incident[11]. Dr Cassar spjega, in eskussjoni, li l-attur *"ghadu fl-istat li kien meta jien ghamilt l-evalwazzjoni professjonali tieghi. Dan minkejja illi kien ukoll ha u kien ghadu jiehu l-kura. Ghaldaqshekk huwa mistenni illi l-kundizzjoni psikjatrika tieghu tibqa kronika u bi bzonn ta' kura fit-tul."*. Fil-kawza **Peter Sultana vs Anthony Abela Caruana** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar 2002, gie osservat li: *"Ma hemmx ghalfejn jinghad li d-debilita' permanenti ma kienx necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tieghu ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun **debilita' psikika li timmanifesta ruhha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita' ghax-xoghol ta' l-individwu.**"*. Min-naha l-ohra l-espert newrologu irrelata li l-attur m'huwiex ibati minn

[10] Mr Thomas Fenech (fol. 145).

[11] *"Mr Martin Xerri qed ibaghti minn stat ta' ansjeta u dipressjoni kronika fil-kuntest ta' trawma u telfiet. Din il-kundizzjoni hi ta' livell fejn qeda tikkawza morbidita konsiderevoli..... Sena u nofs wara l-incident ghadu qed jiehu l-kura, ghadu fl-istat mentali illi qieghed fih u ser ikollu jibqa jiehu kura fit-tul. Hu possibbli illi tul iz-zmien ikun hemm ameljorament bil-mod, kif kien hemm fil-passat fejn irnexxielu jeghleb telfiet kbar."* (fol. 201). Spjega wkoll li l-istorja medika tal-attur ma kellha l-ebda piz fuq il-persentagg ta' 13% ghaliex, *".....wara dawn it-trawmi u telfiet, Martin Scerri rega gie lura ghan-normal u kien aggustat sew minghajr kura, kemm mieghu innifsu, kemm f'relazzjonijiet u kif ukoll fuq ix-xoghol."* (fol. 226-227).

debilita' permanenti. Il-periti medici ghamlu riferenza ghal *Guides to the Evaluation of Permanent Impairment*, Hames Edizzjoni (fol. 202-205) tal-American Medical Association[12]. Mir-ricerka li ghamlet il-qorti jidher li permezz ta' din il-pubblikazzjoni l-American Medical Association ipprovat tistabbilixxi standards medici sabiex it-tobba jkunu jistghu jikkwantifikaw it-telf ta' partijiet tal-gisem jew il-funzjoni taghhom. Dan ipprovat taghmlu billi tassenja valur lil kull parti tal-gisem in relazzjoni mal-gisem kollu tal-bniedem. Jidher li evalwazzjoni li jaghmel tabib taht dawn id-direttivi, hi sabiex jistabilixxi jekk kienx hemm tibdil fl-istat ta' shah tal-pazjent; *"An impairment is a deviation in a body part or system and its functioning. Disability must be defined as an alteration of an individual's capacity to meet personal, social or statutory demands, or statutory or regulatory requirements, because of an impairment..... A disability arises out of the interaction between impairment and external requirements, especially those of a person's occupation. Disability may be thought of as the gap between what the individual can do and what the invdividual needs or wants to do."* (***Understanding the AMA Guides in Workers Compensation***, S. Babitsky u J. Magraviti pagna 1-10[13]).

"Hu minnu li fil-kawza **Michael Butler vs Peter Christopher Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Dicembru 1967, gie dikjarat li: *".....dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita' f'sens purament mediku, izda* ***l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tad-danneggat."****.* Jidher li llum il-hsara personali li garrab il-konvenut ma hallitx effett fuq il-qliegh attwali tal-attur, tant li rega' beda jahdem fl-istess impjieg. Mill-provi rrizulta li fis-sajf tal-2008 l-attur rega beda jahdem bhala foreman mal-kumpannija Asphaltar Limited, cjoe' l-istess kumpannija li kien impjegat maghha fiz-zmien tal-incident; *"Nikkonferma ukoll illi x-xoghol tieghi mal-Asphaltar Limited isir fuq barra bhala xoghol ta' foremena. Jiena ghalhekk nghid lill-impjegati x'ikun hemm bzonn illi jsir u ma jsirx fuq il-lant tax-xoghol. Nikkonferma illi jiena ta' kuljum, mit-Tnejn sal-Gimgha, naqbad il-vapur minn Ghawdex biex ninzel ix-xoghol Malta."* (fol. 219).

"Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-menomazzjoni li sofra l-attur ma jistax ikollha impatt negattiv sabiex fil-futur isib xoghol iehor. M'hemmx dubju li l-mankament li sofra l-attur hu gravi, l-iktar meta wiehed iqies li tilef l-uzu ta' ghajnejh il-leminija. Debilita' li ghandha effett ukoll fuq l-attivita' li jaghmel fil-hajja ta' kuljum. Il-gurispruedenza tidher li hi konkordi li, "*illum huwa*

---

[12] 2001.

[13] Wolters Kluwer Law & Business, Raba' Edizzjoni (2008).

*generalment rikonoxxut li kull dizabilità, anke jekk fl-apparenza ma ghandha ebda effetti fuq il-kapacità lavorattiva ta' dak li jkun,* ***xorta wahda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jigi eskluz l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal.****"* (**George Borg et nomine vs Anthony Borg et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru 2008). Fil-kawza **Carmelo Galea vs Albert Mizzi et nomine** deciza fit-23 ta' April 2001, il-Qorti tal-Appell osservat li kellha tikkunsidra, *"dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-debilita permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra fuq il-kapacita' lavorattiva tieghu. Dana mhux biss attwalment fic-cirkustanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur* ***imma wkoll potenzjalment f'kull attivita' ohra lavorattiva ghalih miftuha.****"*. Sahansitra, fis-sentenza **Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** deciza fit-22 ta' Ottubru 2002, il-Qorti tal-Appell osservat li kieku wiehed kellu japplika t-tezi tal-konvenut li l-attur ma sofra l-ebda telf finanzjarju ghaliex baqa' jahdem fl-istess impjieg u ghalhekk ma kellux dritt jitlob rizarciment ta' danni, *"kienet tinkorri f'ingustizzja manifesta ma' l-appellat. Il-ligi taghna diga` ma taghti l-ebda kumpens ghad-danni morali f'kazijiet bhal dawn u cioe` ma taghti l-ebda kumpens ghall-ugieh u skumditajiet li min isofri debilta` permanenti neccessarjament jghaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens ghal dak li jirrigwarda n-nuqqas talkwalita` ta' hajja li min ikollu debilita` permanenti neccessarjament ikollu jghaddi minnha."*[14]. Fis-sentenza **Paola D'Amato nomine vs Joseph Ebejer**[15], il-qorti osservat li l-inkapacita' permanenti li sofriet l-attrici (tifla) ma kellix thares lejha biss mill-grad tal-inkapacita ta' xoghol *"*.......***izda mill-kumpless tal-konsegwenzi deleterji li l-ustjonjiet hallew fuq il-persuna taghha****, li holqu u aktar joholqu 'l quddiem motiv ta' misthija u sens ta' sospensjoni u ta' biza' kontinwu jekk tizzewweg u tohrog gravida. Inoltri, il-possibilta li dina t-tifla ssib ragel li jizzewwigha jekk ikun jaf b'dana l-inkonvenjent hekk serju, u b'dawk l-isfregi fuq parti importanti ta' gisimha – hija wisq remota; u anki jekk dana jsir l-gharusa tkun dejjem esposta ghall-mortifikazzjonijiet u certi delusjonijiet li immankabilment ikollha tghadi minnhom meta l-poesija tal-hajja matrimonjali tigi bruskament interrotta bl-iskoperta a' dawna d-difetti....."*.

[14] Rilevanti wkoll hi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Emanuel Galea vs Pierre Scicluna** deciza fit-13 ta' April 2007 fejn regghet saret riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Joseph Attard vs Carmelo D'Amato u l-qorti ddikjarat li ghalkemm l-incident ma hallix effett fuq il-qliegh tal-attur, ***"il-Qorti tkun qieghda twettaq ingustizzja fir-rigward ta' l-appellat jekk ma' tatihx kumpens adegwat ghad-dannu li sofra."***. F'dak il-kaz ir-rata ta' debilita skond il-perit mediku kienet ta' 3%. Minn qari ta' din is-sentenza jidher bic-car li l-qorti kienet qeghda tikkumpensa lill-attur ghall-griehi li sofra pjuttost milli ghat-telf ta' qliegh li seta' sofra b'rizultat tal-incident.

[15] Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Novembru 1964 (Volum XLV.iii.1264).

"Verament wiehed jista' jasal sabiex ighid li ninsabu fis-sitwazzjoni li ipprospettat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[16] fil-kawza **Susan Davies vs Anthony Galea** deciza fl-10 ta' Ottubru 1997, u cjoe' li: ***"Fl-izvilupp prezenti pero' tal-gurisprudenza taghna huwa forsi necessarju li l-bzonn ta' certezza u nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li tesigi li kull tip ta' dizabilita' permanenti twassal ghal telf futur fil-proporzjon tal-persentagg taghha."***. Bla dubju analizi profonda tal-gurisprudenza turi li f'dawn it-tip ta' kazijiet il-qrati jistriehu fuq l-assessment mediku li jkun sar mill-periti medici, minghajr ma jsir ezami jekk id-dizabilta' hijiex fuq bazi ta' probabilita' ser ikollha mpatt fuq il-qliegh futur tal-vittma, u jekk ser ikollha tali effett f'liema grad. Imbaghad il-konkluzjoni tkun li d-debilita' permanenti **tista' dejjem**, fil-futur, tkun ta' xkiel ghall-vittma li jtejjeb il-qaghda finanzjarja tieghu (cjoe' **il-kapacita' ta' gwadan (*earning capacity*) tal-vittma**.). B'hekk l-enfazi qeghda fuq il-konsiderazzjoni li griehi ta' natura permanenti jfissru nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol fil-futur ghall-vittma jew li fil-futur ghad jistghu jkunu ta' tfixkil fl-impjieg, minghajr ma jigi kunsidrat jekk fuq bazi ta' probabilita id-debilita' permanenti hijiex *handicap* ghall-vittma fis-suq tax-xoghol. Kieku kellu jsir dan l-ezercizzju u b'hekk wiehed ma jistriehx fuq semplici ipotezi, diversi fatturi jkunu rilevanti, bhal per ezempju l-employment record tal-vittma, l-eta', il-kwalifiki, jekk il-persuna kenitx waslet sabiex tiehu grad ghola u t-tip ta' debilita' li qeghda ssofri minnha.

"6. Jirrizulta li fis-sena 2005 (l-incident sehh fl-2006) l-attur kellu dhul ta' **€10,519**. Fid-data tal-incident kellu 41 sena. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq dhul ta' €12,000 (tikkunsidra zieda fil-pagi), ghall-perjodu ta' tmintax-il (18) sena[17] wara li qieset ukoll l-istat ta' sahha tal-attur kif deskritta fir-rapport mediku mhejji minn Mr Norbert Vella. Ser tnaqqas 20% fir-rigward tal-*lump sum payment*, mehud in konsiderazzjoni li l-incident sehh fis-27 ta' Awwissu 2006 u relattivament il-kawza qeghda tigi deciza f'perjodu qasir[18]. Ghal dik li hi rata ta' dizabilta, meqjusa l-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq u wara li l-qorti qieset dak li jinghad fir-rapporti medici u r-risposti moghtija mill-psikjatra Dr David Cassar ghad-domandi li sarulu in eskussjoni; li r-rata ta' debilita' stabbilita qeghda tikkunsidra biss l-aspett mediku; li jidher li kien hemm miljorament fl-istat psikiku tal-attur tant li rega' beda jmur ghax-xoghol; l-eta' tal-attur; u li qabel l-incident kellu diga' problemi ta' sahha temmen li fic-cirkostanzi rata' ta' dizabilta' ta' 23% hi flokha minkejja li l-periti gudizzjarji ffissaw *weighted average* ta' 28%.

---

[16] Imhallef N. Arrigo.

[17] Dwar multiplier ara sentenza **George Cardona et vs Ferdinando Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu 2009 fejn il-vittma wkoll kellu 41 sena fiz-zmien tal-incident.

[18] F'dan il-kuntest ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001 fil-kawza **Lawrence Caruana vs Anthony Falzon** u gurisprudenza citata fir-rigward ta' dan it-tnaqqis.

“Ghaldaqstant id-danni huma: **€12,000 x 18 sena x 23% – 20% = €39,744**.

“L-attur qieghed jippretendi wkoll is-somma ta’ €23,015.60 paga li jghid li tilef mid-data tal-incident (Awwissu 2006) sa meta beda rega’ jahdem. Fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru 2008 iddikjara li b’sehh mill-1 ta’ Settembru 2008 kien rega’ beda jahdem bhala foreman, u qabel kien ilu tlett xhur jahdem bhala ufficcjal tas-sigurta ma’ Security Services. Minn dokument PM1 (fol. 32) jidher li sa April 2007 l-attur kien ghadu registrat bhala mpjegat ma’ Asfaltar Ltd ghalkemm jidher ukoll li b’sehh mill-1 ta’ Jannar 2007 l-qliegh tieghu gie ridott ghaliex baqa’ ma jirrapurtax ghax-xoghol. Fir-rigward tad-Dipartiment ghas-Servizzi Socjali, bejn il-perjodu tal-31 ta’ Awwissu 2006 u 5 ta’ Jannar 2007 ircieva s-somma ta’ €1,567.32 (fol. 21). L-attur ma ressaqx prova li mill-bidu tas-sena 2007 sa meta rega’ dahal ghax-xoghol, ma kienx kapaci jahdem. Ghall-qorti m’huwiex bizzejjed li tghid li kont qieghed tbati minn depressjoni. Fir-rikors guramentat, l-attur ippremetta li: *“mhuwiex kapaci li jmur lura ghax-xoghol normali tieghu ghaliex lanqas id-dawl tax-xemx ma jiflah”* (fol. 2). Fil-fehma tal-qorti ma tressqux provi in sostenn ta’ dan u f’kull kaz lanqas jirrizulta li jekk hu veru, l-attur ipprova jiehu mizuri sabiex jirrimedja ghal dan l-ilment. Dan iktar u iktar meta l-principju kardinali hu li l-vittma ghandu obbligu li jimminimizza d-danni. Inoltre fil-kalkoli tad-danni li diga’ ghamlet il-qorti, gie inkluz il-perjodu li fih il-konvenut ma kienx qieghed jahdem. Fin-nuqqas ta’ provi sodisfacenti l-qorti tqies li f’dan il-kuntest it-talba tal-attur hi ghal kollox barra minn lokha.

“Fir-rigward ta’ *damnum emergens*, saret riferenza ghal Dok. MX1 (fol. 39) li hu rendikont tal-ispejjez li l-attur isostni li ghamel. Is-somma hi ta’ €2,473.65. L-attur ipprezenta biss xi ricevuti tal-ispejjez li qieghed jippretendi l-hlas taghhom (fol. 40). Wara li l-qorti rat dawn id-dokumenti, tqies li l-attur m’ghandux jinghata iktar minn elf ewro (€1,000). Il-qorti m’hijiex konvinta minn certu ammonti li qieghed jippretendi l-attur, ezempju ghal *baby sitting*, ikel u hasil ta’ hwejjeg. F’kull kaz lanqas ressaq bhala xhud lill-persuna (semma lill-ohtu) li suppost lilha sar il-hlas. Dan apparti li hemm ukoll certu spejjez li saru fi hwienet li ma nghatat l-ebda spjegazzjoni fhix kienu jikkonsistu.

“Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta’ u tiddecidi l-kawza billi:-

"1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Rapa u tichad it-talbiet tal-attur in kwantu dawn jirreferu ghal dan il-konvenut. Spejjez ta' dan il-konvenut a karigu tal-attur.

"2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Rapa u:-

"a. Tiddikjarah responsabbli ghall-hsara li sofra l-attur fl-incident li sehh fis-27 ta' Awwissu 2006 gewwa Ghajnsielem, Ghawdex.

"b. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' erbghin elf sebgha mija u erbgha u erbghin ewro (€40,744)

"c. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Rapa sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' erbghin elf sebgha mija u erbgha u erbghin ewro (€40,744).

"Spejjez a karigu tal-konvenut Joseph Rapa, b'dan li l-ispejjez tal-espert mediku Norbert Vella ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur. Bl-imghax mil-lum."

**4.** Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-28 ta' Gunju 2012 li qed tigi riprodotta fl-intier taghha.

"1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-10 ta' Awissu 2009 f'kawża li fiha l-attur talab il-kundanna taż-żewġ konvenuti għall-ħlas tad-danni li huwa ġarrab bi ħtija tagħhom. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet safejn magħmula kontra l-konvenut Joseph Rapa u ikkundannatu jħallas danni li ġew likwidati fis-somma ta' erbgħin elf, seba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744) iżda ċaħdithom safejn magħmula kontra l-konvenut Carmel Rapa għax sabet li dan ma kienx responsabbli *in solidum* mal-konvenut l-ieħor Joseph Rapa għad-danni li ġarrab l-attur. L-attur qiegħed issa jappella minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talbiet tiegħu safejn magħmula kontra l-konvenut Carmel Rapa u qiegħed jappella wkoll mil-likwidazzjoni tad-danni.

"2. L-attur fisser illi fil-lejl bejn il-Ħadd 27 u t-Tnejn 28 ta' Awissu 2006, għall-ħabta tas-1.45 *a.m.* f'Għajnsielem, Għawdex, hu ra lill-konvenut Joseph Rapa jaggredixxi lil martu Marija u fittex li jferraqhom. F'ħin minnhom Joseph Rapa tefa' lil martu mal-art u waqt illi l-attur kien qiegħed jerfagħha aggredewh iż-żewġ konvenuti. Joseph Rapa tah daqqa bi *brick* fuq għajnu l-leminija u fl-istess ħin, hekk kif waqa' mal-art, Carmelo Rapa tah daqqa ta' siġġu fuq wara ta' rasu. L-attur intilef minn sensih u ttieħed l-isptar.

"3. B'konsegwenza tal-ġrieħi li ġarrab, l-attur tilef id-dawl f'għajnu l-leminija u kellhom isirulu ħames punti f'rasu. Għadu sallum ibati minn uġigħat ta' ras, jistordi ta' spiss u ma jiflaħx id-dawl tax-xemx. Billi igħid illi għal din id-debilità permananti fil-persuna tiegħu jaħtu l-konvenuti, u għalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, l-attur fetaħ il-kawża u talab illi l-qorti, wara li tgħid illi l-konvenuti weħedhom iwieġbu *in solidum* għad-danni li ġarrab u tillikwida d-danni, tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu d-danni hekk likwidati.

"4. Il-konvenut Carmelo Rapa wieġeb, effettivament, (i) illi ma hemmx rabta ta' kawżalità bejn il-fatti attribwiti lilu u d-danni li ġarrab l-attur u (ii) illi f'kull każ kien l-attur li jaħti għad-danni għax kien hu illi ipprovoka l-inċident. Il-konvenut l-ieħor Joseph Rapa ukoll ressaq eċċezzjonijiet li, iżda, ma humiex relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell.

"5. Bis-sentenza appellata l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

""1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmelo Rapa u tiċħad it-talbiet tal-attur in kwantu dawn jirreferu għal dan il-konvenut. Spejjeż ta' dan il-konvenut a karigu tal-attur.

"2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Rapa u :–

"a. Tiddikjarah responsabbli għall-ħsara li sofra l-attur fl-inċident li seħħ fis-27 ta' Awwissu 2006 ġewwa Għajnsielem, Għawdex;

"b. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' erbgħin elf seba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744);

"ċ. Tikkundanna lill-konvenut Joseph Rapa sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' erbgħin elf seba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744).

"Spejjeż a karigu tal-konvenut Joseph Rapa, b'dan li l-ispejjeż tal-espert mediku Norbert Vella għandu jagħmel tajjeb għalihom l-attur. Bl-imgħax mil-lum."

"6. Il-konsiderazzjonijet li wasslu lill-ewwel qorti għal din il-konklużjoni ġew minnha mfissra hekk:

""Il-kawża tittratta inċident li seħħ fit-28 ta' Awwissu 2006 għal ħabta tas-1.45 ta' filgħodu. Fis-27 ta' Awissu 2006 kienet qiegħda tiġi ċelebrata l-festa tar-raħal ta' Għajnsielem. Inqala' ġlied u l-attur ġie midrub. L-attur jallega li Joseph Rapa tah daqqa f'għajnejh bi briksa filwaqt li l-konvenut l-ieħor tah daqqa ta' siġġu tal-ħadid fuq rasu. Min-naħa tal-konvenut Carmelo Rapa jsostni li kien l-attur li

pprovoka l-inċident, filwaqt li l-konvenut Joseph Rapa jsostni li kien l-attur li aggredieh u kull ma għamel kien li ddefenda ruħu (*legittima difesa*).

"… … …

"Għal dak li jikkonċerna Carmelo Rapa, il-qorti m'għandha l-ebda diffikultà, wara li semgħetu jixhed *viva voce* fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2008, li tgħid li fil-konfront tiegħu żgur li ma kien hemm l-ebda provokazzjoni min-naħa tal-attur. Carmelo Rapa kkonferma li mar minn wara l-attur u tah daqqa ta' siġġu tal-hadid. Qal li għamel hekk "… għaliex ma ridtx nieħu riskju illi Martin Xerri nipprova mmur inferqu minn ma' Rapa biex ma jkomplix itieh u jfajjarli xi daqqa ta' ponn f'wiċċi. Jiena xejjirtlu s-siġġu għaliex f'dawk iċ-ċirkostanzi hekk deherli li għandi nagħmel biex forsi Xerri ma jibqax iross bis-siġġu lil Joseph Rapa li kien mixħut mal-art. Nikkonferma li kien hemm diversi rġiel preżenti." (*fol*. 209).

"… … …

"Joseph Rapa rrilaxxa stqarrija lill-pulizija (*fol*. 82), u mkien ma ta l-verżjoni mogħtija minn Carmelo Rapa. Dan minkejja li fin-nota ta' sottomissjonijiet Joseph Rapa pprova, tliet snin wara l-inċident, jaddotta l-verżjoni ta' Carmel Rapa li kien mitfugħ fl-art u l-attur kien qiegħed iross siġġu fuqu. Joseph Rapa fl-ebda stadju tal-proċediment ma kkontesta dak li qal fl-istqarrija tat-28 ta' Awwissu 2006. L-istess Carmelo Rapa ma ressaq l-ebda xhieda sabiex jikkora-boraw il-verżjoni tiegħu ta' x'kien qiegħed jiġri fil-ħin li qabad is-siġġu u ta daqqa lill-attur. Dan minkejja li qal li kien hemm "diversi rġiel" li raw din ix-xena. *Inoltre*, dawk li xehdu ma qalux li fil-ħin li Carmel Rapa ta d-daqqa ta' siġġu, l-attur kien b'siġġu qiegħed iross mal-art lil Joseph Rapa. Irrispettivament dwar min kien responsabbli għall-inċident bejn l-attur u l-konvenut l-ieħor, Carmelo Rapa daħal fl-inkwiet bla bżonn. Ma kellu qatt ifajjar daqqa ta' siġġu. Hu stramb ukoll kif Carmelo Rapa qal li kif ta daqqa ta' siġġu lill-attur telaq u mar lejn id-dar. Għall-qorti dan l-atteġġjament ma jirriflettix ir-rieda ta' persuna li tgħin lil ħaddiehor li jkun jinsab f'diffikultà minħabba aggressjoni. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-oħra li minn xhieda oħra rriżulta li Carmel Rapa ta d-daqqa ta' siġġu mumenti wara li Joseph Rapa kien ta daqqa ta' briksa f'wiċċ l-attur (ara per eżempju deposizzjoni ta' Brian Muscat), *cioè* meta l-attur kien diġà dgħajjef.

"Il-qorti hi moralment konvinta li l-verżjoni li ta Carmelo Rapa (seduta tat-8 ta' Frar 2008) mhi xejn għajr tentattiv fjakk sabiex jipprova jiġġustifika l-aġir tiegħu u ma jidhirx li tikkorrispondi għall-verità. Ovvjament il-kwistjoni dwar jekk hemmx kawżalità bejn l-aġir ta' Carmelo Rapa u d-danni li sofra l-attur, hi materja differenti. Dan qiegħed jingħad in kwantu mill-provi rriżulta li t-telf fil-vista tal-għajn il-leminija ma kienx b'riżultat tad-daqqa ta' siġġu li tah Carmelo Rapa. L-attur kellu jagħti prova mhux biss tal-att (f'dan il-każ id-daqqa ta' siġġu) iżda li dak l-att għandu konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni li sofra. Il-qorti m'hijiex sodisfatta li d-debilità permanenti li qiegħed ibati minnha l-attur hi riżultat tad-daqqa ta' siġġu li qala' mingħand Carmelo Rapa, iktar u iktar meta skond ir-rapport tal-perit mediku Norbert Vella "There is no evidence of any significant neurological *sequelæ*. In conclusion, Mr Xerri has no permanent neurological impairment resulting from the August 28, 2006 incident" (*fol*. 197), u l-ugigħ ta' ras "... is probably related to stress, poor sleep and inappropriate posture". Mid-deposizzjoni ta' Mr Thomas Fenech (seduta tat-3 ta' Settembru 2007), il-qorti temmen li fuq bażi ta' probabiltà kienet id-daqqa ta' briksa li l-attur qala' f'wiċċu li waslet biex jitlef il-vista f'għajnejh il-leminija: "Ngħid illi din kienet bil-fors daqqa direttament fuq l-għajn u *cioè bullseye* fis-sens illi d-daqqa bilfors li kellha tkun direttament fuq l-għajn u mhux mal-għadam" (*fol*. 146). M'hemmx indikazzjoni li

setgħet saret b'xi ħaġa oħra. Għalkemm Mr Thomas Fenech ma eskludiex li l-ferita fl-għajn setgħet kienet daqqa minn wara, m'hemm l-ebda indizju li ġara hekk. L-attur stess spjega kif qala' daqqa ta' briksa f'għajnejh tal-lemin (*fol*. 59). *Inoltre*, il-qorti ma tarax kif mill-provi li tressqu quddiemha tista', fuq bażi ta' probabilità, tgħid li l-ferita saret wara li l-attur waqa' u bil-piż tiegħu laqat għajnejh ma' "... tarf ta' mejda jew anke ma' xi siġġu jew xi ħaġa fl-art" (*fol*. 145). Għalkemm fir-rigward tal-mistoqsija jekk il-ferita setatx saret bi briksa, Mr Fenech wieġeb li "huwa possibbli, però dejjem jekk din kienet bil-kantuniera jew rokna tagħha" (*fol*. 146), il-qorti hi xorta tal-fehma li mill-provi li tressqu u fuq bażi ta' probabilità din kienet l-oġġett li bih saret il-ferita f'għajnejn l-attur. M'hemmx indizju li seta' kien xi ħaġa oħra. *Inoltre* miċ-ċertifikat mediku datat 28 ta' Awwissu 2006 jirriżulta li meta l-attur iddaħħal l-isptar, "He was fully conscious" (*fol*. 85). Għalkemm jingħad li kellu "haemataoma parietal region" (fir-ras), ma jirriżultax li kien hemm xi kumplikazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi, fil-fehma tal-qorti ma tressqux provi sodisfaċenti li fuq bażi ta' probabilità n-*novus actus interveniens*, *cioè* daqqa b'siġġu li ta Carmel Rapa, ikkaġunat il-ħsara jew ikkontribwiet għaliha.

"… … …

"F'dan l-inċident l-attur tilef il-vista ta' għajnejh il-leminija. L-esperti mediċi waslu għal konklużjoni li l-attur qiegħed isofri minn debilità ta' 28%. Dan wara li l-espert Mr Franco Mercieca iffissa rata' ta' 17% għat-telf tal-għajn, u Dr David Cassar rata ta' 13% għall-ansjetà u stat ta' depressjoni kaġunati bl-inċident. Dr Cassar spjega, in eskussjoni, li l-attur "għadu fl-istat li kien meta jien għamilt l-evalwazzjoni professjonali tiegħi. Dan minkejja illi kien ukoll ħa u kien għadu jieħu l-kura. Għaldaqshekk huwa mistenni illi l-kundizzjoni psikjatrika tiegħu tibqa' kronika u bi bżonn ta' kura fit-tul". … … …

"… … … Jidher li llum il-ħsara personali li ġarrab il-konvenut [*recte*, l-attur] ma ħallietx effett fuq il-qligħ attwali tal-attur, tant li reġa' beda jaħdem fl-istess impjieg. Mill-provi rriżulta li fis-sajf tal-2008 l-attur reġa' beda jaħdem bħala *foreman* mal-kumpannija *Asphaltar Limited*, *cioè* l-istess kumpannija li kien impjegat magħha fiż-żmien tal-inċident: "Nikkonferma ukoll illi x-xogħol tiegħi mal-*Asphaltar Limited* isir fuq barra bħala xogħol ta' *foreman*. Jiena għalhekk ngħid lill-impjegati x'ikun hemm bżonn illi jsir u ma jsirx fuq il-lant tax-xogħol. Nikkonferma illi jiena ta' kuljum, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, naqbad il-vapur minn Għawdex biex ninżel ix-xogħol Malta" (*fol*. 219).

"Però b'daqshekk ma jfissirx li l-menomazzjoni li sofra l-attur ma jistax ikollha impatt negattiv sabiex fil-futur isib xogħol ieħor. M'hemmx dubju li l-mankament li sofra l-attur hu gravi, l-iktar meta wieħed iqis li tilef l-użu ta' għajnejh il-leminija. Debilità li għandha effett ukoll fuq l-attività li jagħmel fil-ħajja ta' kuljum. … … …

"… … …

"Jirriżulta li fis-sena 2005 (l-inċident sehh fl-2006) l-attur kellu dħul ta' €10,519. Fid-data tal-inċident kellu 41 sena. Il-qorti ser tagħmel il-kalkoli fuq dħul ta' €12,000 (tikkunsidra żjieda fil-pagi), għal perjodu ta' tmintax-il (18) sena wara li qieset ukoll l-istat ta' saħħa tal-attur kif deskritta fir-rapport mediku mħejji minn Mr Norbert Vella. Ser tnaqqas 20% fir-rigward tal-*lump sum payment*, meħud in konsiderazzjoni li l-inċident sehh fis-27 ta' Awwissu 2006 u relattivament il-kawża qiegħda tiġi deċiża f'perjodu qasir. Għal dik li hi rata ta' diżabiltà, meqjusa l-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq u wara li l-qorti qieset dak li jingħad fir-rapporti mediċi u r-risposti mogħtija mill-psikjatra Dr David Cassar għad-domandi

li sarulu in eskussjoni: li r-rata ta' debilità stabbilita qiegħda tikkunsidra biss l-aspett mediku; li jidher li kien hemm miljorament fl-istat psikiku tal-attur tant li reġa' beda jmur għax-xogħol; l-età tal-attur; u li qabel l-inċident kellu diġà problemi ta' saħħa, temmen li fiċ-ċirkostanzi rata' ta' diżabiltà ta' 23% hi flokha minkejja li l-periti ġudizzjarji ffissaw *weighted average* ta' 28%.

"Għaldaqstant id-danni huma: €12,000 × 18-il sena × 23% - 20% = €39,744.

"L-attur qiegħed jippretendi wkoll is-somma ta' €23,015.60 paga li jgħid li tilef mid-data tal-inċident (Awwissu 2006) sa meta beda reġa' jaħdem. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2008 iddikjara li b'seħħ mill-1 ta' Settembru 2008 kien reġa' beda jaħdem bħala *foreman*, u qabel kien ilu tliet xhur jaħdem bhala uffiċċjal tas-sigurtà ma' *Security Services*. Minn dokument PM1 (*fol*. 32) jidher li sa April 2007 l-attur kien għadu reġistrat bħala impjegat ma' *Asfaltar Ltd* għalkemm jidher ukoll li b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007 l-qligħ tiegħu ġie ridott għaliex baqa' ma jirrappurtax għax-xogħol. Fir-rigward tad-Dipartiment għas-Servizzi Soċjali, bejn il-perjodu tal-31 ta' Awwissu 2006 u 5 ta' Jannar 2007 irċieva s-somma ta' €1,567.32 (*fol*. 21). L-attur ma ressaqx prova li mill-bidu tas-sena 2007 sa meta rega' dahal għax-xogħol, ma kienx kapaċi jaħdem. Għall-qorti m'huwiex biżżejjed li tgħid li kont qiegħed tbati minn depressjoni. Fir-rikors ġuramentat, l-attur ippremetta li "mhuwiex kapaċi li jmur lura għax-xogħol normali tiegħu għaliex lanqas id-dawl tax-xemx ma jiflaħ" (*fol*. 2). Fil-fehma tal-qorti ma tressqux provi in sostenn ta' dan u f'kull każ lanqas jirriżulta li, jekk hu veru, l-attur ipprova jieħu miżuri sabiex jirrimedja għal dan l-ilment. Dan iktar u iktar meta l-prinċipju kardinali hu li l-vittma għandu obbligu li jimminimizza d-danni. *Inoltre* fil-kalkoli tad-danni li diġà għamlet il-qorti, ġie inkluż il-perjodu li fih il-konvenut ma kienx qiegħed jaħdem. Fin-nuqqas ta' provi sodisfaċenti l-qorti tqis li f'dan il-kuntest it-talba tal-attur hi għal kollox barra minn lokha.

"Fir-rigward ta' *damnum emergens*, saret riferenza għal Dok. MX1 (*fol*. 39) li hu rendikont tal-ispejjeż li l-attur isostni li għamel. Is-somma hi ta' €2,473.65. L-attur ippreżenta biss xi riċevuti tal-ispejjeż li qiegħed jippretendi l-ħlas tagħhom (*fol*. 40). Wara li l-qorti rat dawn id-dokumenti, tqis li l-attur m'għandux jingħata iktar minn elf euro (€1,000). Il-qorti m'hijiex konvinta minn ċertu ammonti li qiegħed jippretendi l-attur, eżempju bħal *baby sitting*, ikel u ħasil ta' ħwejjeġ. F'kull każ lanqas ressaq bħala xhud lill-persuna (semma lil oħtu) li suppost lilha sar il-ħlas. Dan apparti li hemm ukoll ċertu spejjeż li saru fi ħwienet li ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni fiex kienu jikkonsistu."

"7. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-28 t'Awissu 2009 u talab illi din il-qorti:

""1. tħassarha u tirrevokaha in kwantu laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmelo Rapa u caħdet it-talbiet tal-attur in kwantu dawn jirreferu għal dan il-konvenut bl-ispejjeż ta' dan il-konvenut a karigu tal-attur u, minflok, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut appellat Carmelo Rapa, tiddikjara lill-istess konvenut appellat Carmelo Rapa responsabbli, flimkien u *in solidum* mal-konvenut appellat l-ieħor Joseph Rapa, għall-ħsara li sofra l-attur fl-inċident li seħħ fis-27 ta' Awwissu, 2006 ġewwa Għajnsielem, Għawdex u konsegwentament tikkundannah iħallas, flimkien u *in solidum* mal-konvenut appellat l-ieħor Joseph Rapa, id-danni u l-ispejjeż ġudizzjarji;

"2. tħassarha u tirrevokaha in kwantu llikwidat id-danni kif jingħad fl-istess sentenza u minflok tillikwida danni f'ammont verjuri … u konsegwentement

> tikkundanna lill-konvenuti appellati, flimkien u *in solidum* bejniethom, iħallsu dawn id-danni likwidati minn dina l-qorti; u
>
> "3. tħassarha u tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-esponenti jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tal-konvenut appellat Carmelo Rapa u tal-espert mediku Norbert Vella u, minflok, tikkundanna lill-konvenuti appellati, flimkien u *in solidum* bejniethom, iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji kollha."

"8. Il-konvenut Carmel Rapa wieġeb fit-28 ta' Settembru 2009 u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud. Il-konvenut l-ieħor, Joseph Rapa, ma weġibx.

"9. L-aggravji tal-attur jolqtu (i) iċ-ċaħda tat-talbiet tiegħu safejn magħmula kontra l-konvenut Carmel Rapa, (ii) il-*quantum* tad-danni u (iii) il-kundanna tal-attur li jħallas parti mill-ispejjeż.

"10. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-attur iressaq żewġ argumenti. L-ewwel argument huwa illi ż-żewġ konvenuti mxew dolożament meta sawwtu lill-attur u għalhekk għandhom iwieġbu *in solidum* għad-danni li ġarrab, kif igħid u jrid l-art. 1049(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-ewwel qorti għalhekk ma kellhiex tikkundanna lil wieħed minnhom biss biex jagħmel tajjeb għad-danni, iżda kellha tikkundannahom it-tnejn flimmkien *in solidum*.

"11. It-tieni argument – li tressaq bla preġudizzju għall-ewwel wieħed – jolqot il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi ma hemmx rabta ta' kawżalità bejn id-daqqa ta' siġġu illi l-konvenut Carmelo Rapa ta lill-attur u l-ħsara li dan ġarrab fil-persuna tiegħu.

"12. Fil-fehma ta' din il-qorti, l-attur għandu raġun fl-ewwel argument li huwa ressaq. Dan joħroġ mill-art. 1049 tal-Kodiċi Ċivili:

> ""**1049.** (1) Meta żewġ persuni jew iżjed ikunu dolożament għamlu ħsara, l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija *in solidum*.
>
> "(2) Meta xi wħud minn dawn ikunu mxew dolożament, u oħrajn le, dawk tal-ewwel huma kollha obbligati *in solidum*, u kull wieħed mill-oħrajn huwa obbligat biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu jkun ikkaġuna."

"13. Il-konvenut Carmelo Rapa fit-tweġiba tiegħu jgħid illi s-solidarjetà toħroġ mhux mill-kompliċità fl-"inċident" iżda minn kompliċità fl-att li jagħmel il-"ħsara", u minn hekk jislet argument illi ladarba hu ma kellux sehem fid-daqqa ta' *brick* li għamiet lill-attur, mela ma jweġibx għall-ħsara li għamlet dik id-daqqa.

"14. Dan l-argument tal-attur huwa ħażin. L-art. 1049(2) jgħid ċar illi huwa biss min ma jkunx mexa dolożament illi jwieġeb "biss għal dik il-biċċa tal-ħsara li huwa nnifsu jkun ikkaġuna", u li għalhekk għar-responsabilità tiegħu tkun meħtieġa l-prova tal-kawżalità, *i.e.* illi l-ħsara jkun ikkaġunaha hu. Min iżda jkun mexa dolożament iwieġeb ukoll għall-ħsara ikkaġunata minn min ikun mexa bl-istess ħsieb doluż tiegħu. Ma hemmx dubju illi ż-żewġ konvenuti mxew dolożament.

"15. L-art. 1049 huwa msejjes fuq l-art. 1302 tal-Kodiċi Ċivili tal-Awstrija[19] (*Allgemeines Bürgerliches Gezetzbuch*)[20]:

> *""**§ 1302** In such a case, if the damage was caused negligently and the contributions to it can be determined, each participant is liable only for the part of the damage caused through his negligence. If, however, the damage was caused intentionally, or if the contributions of each to the damage cannot be ascertained, all are liable for one, and one for all; the person having compensated the damage will, however, have a right of recourse against the others.[21]"*

"16. Taħt din id-dispożizzjoni tal-liġi ġie ritenut mill-Qorti Suprema tal-Awstrija f'każ illi jixbah lil dak tallum illi "*all three wrongdoers were solidarily liable for damage inflicted on the claimant, who, when he attempted to obtain assistance for his companion mishandled by two of the wrongdoers, was set upon and injured by the third* "[22].

"17. L-aggravju dwar ir-responsabilità *in solidum* tal-konvenut Carmelo Rapa għalhekk jixraq illi jintlaqa'.

"18. It-tieni aggravju jolqot il-*quantum* tad-danni. L-ewwel ilment tal-attur taħt dan l-aggravju jolqot il-fatt illi l-ewwel qorti ma qagħditx fuq il-prospett minnu esebit bħala dok. MX1 fit-18 ta' April 2007[23] li juri s-somma ta' elf u wieħed u sittin lira u erbgħa u disgħin ċenteżmu (Lm 1061.94) – daqs elfejn, erba' mija u tlieta u sebgħin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€ 2,473.65) – bħala *damnum emergens* u, minflok, illikwidat is-somma ta' elf euro (€ 1,000) biss. L-attur josserva illi l-prospett kien maħluf, ma kienx kontestat u l-ispejjeż murija fih huma raġonevoli.

"19. Ma jirriżultax mill-atti illi l-prospett kien maħluf, u mhux l-ispejjeż kollha huma ġustifikati b'riċevuti: b'kollox hemm riċevuti għal mitejn u tnejn u disgħin lira u wieħed u sittin ċenteżmu (Lm 292.61) – daqs sitt mija u wieħed u tmenin euro u sittin ċenteżmu (€ 681.60). Għalkemm huwa minnu illi, meta tqis il-gravità tal-ġrieħi li ġarrab l-attur, l-ispejjeż li jgħid li għamel ma humiex irraġonevoli, jibqa' l-fatt illi kellu l-oneru illi jżomm ir-riċevuti għall-ispejjeż li qiegħed jistenna li jiġbor mingħand ħaddieħor.

"20. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, għalkemm il-likwidazzjoni setgħet forsi kienet xi ftit ogħla, din il-qorti ma hijiex tal-fehma illi għandha tiddisturba l-eżerċizzju li għamlet l-ewwel qorti.

---

19 Ara Adriano Dingli, *Fonti e Commenti* fuq l-art. 755 tal-Ordinanza VII tal-1868.

20 **§ 1302.** In einem solchen Falle verantwortet, wenn die Beschädigung in einem Versehen gegründet ist, und die Antheile sich bestimmen lassen, jeder nur den durch sein Versehen verursachten Schaden. Wenn aber der Schade vorsätzlich zugefügt worden ist; oder, wenn die Antheile der Einzelnen an der Beschädigung sich nicht bestimmen lassen, so haften Alle für Einen, und Einer für Alle; doch bleibt demjenigen, welcher den Schaden ersetzt hat, der Rückersatz gegen die Uebrigen vorbehalten.

21 Verżjoni ingliża ta' Barbara C. Steininger, *European Tort Law Basic Texts*, Ken Oliphant & Barbara C Steininger, eds, 2011.

22 *Zeitschrift für Verkehrsrecht*, 1998/6, rapportata fi *Draft Common Frame of Reference*, Vol. 4, VI - 4:102, p. 3598, n. 7, Sellier 2009.

23 *Fol*. 39 tal-proċess tal-ewwel qorti.

"21. Ilment ieħor, ukoll taħt il-kap ta' *damnum emergens*, huwa illi l-ewwel qorti ma illikwidatx kumpens għall-fatt illi l-attur sejjer ikollu jieħu kura psikjatrika fit-tul, fid-dawl ta' dak li qal l-espert psikjatra illi "l-kundizzjoni psikjatrika tiegħu tibqa' kronika u bi bżonn ta' kura fit-tul"[24].

"22. Dan huwa minnu. Huwa minnu wkoll iżda illi ma hemm ebda element ta' prova li tista' torbot miegħu biex tillikwida dawn id-danni li, wara kollox, ma hemm ebda aċċenn għalihom fin-nota finali ta' sottomissjonijiet tal-attur quddiem l-ewwel qorti. Fin-nuqqas ta' prova ta' x'tip ta' kura tkun meħtieġa, kemm spiss u kemm tkun tiswa, kull likwidazzjoni tkun għalkollox arbitrarja, u, fiċ-ċirkostanzi, din il-qorti ma tarax li għandha tibdel id-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar dan il-kap ta' danni.

"23. Ilment ieħor huwa illi l-ewwel qorti ma ordnatx kumpens għal telf ta' qligħ għaż-żmien bejn il-31 ta' Awissu 2006 u l-1 ta' Settembru 2008 meta l-attur ma kienx f'qagħda li jmur għax-xogħol. Għalkemm dan l-ilment sar taħt il-kap ta' *damnum emergens* huwa fil-fatt dwar *lucrum cessans*, appuntu telf ta' qligħ. L-attur igħid illi tilef qligħ ta' tlieta u għoxrin elf u ħmistax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,015.60). L-ewwel qorti tat tliet raġunijiet għala ma laqgħetx din it-talba: i. għax l-attur ma ressaqx prova li ma kienx f'qagħda li jaħdem, ii. għax il-vittma għandu l-obbligu li "jimminimizza d-danni" u iii. għax iż-żmien meta l-attur ma kienx jaħdem kien ġà meqjus fil-kalkolu tal-*lucrum cessans*.

"24. Din il-qorti hija tal-fehma illi dan l-ilment tal-attur ma huwiex mingħajr meritu. L-attur ġarrab grieħi serji li wasslu għat-telf tad-dawl minn għajn waħda u dan il-fatt ma setax ma kellux impatt mhux biss fiżiku iżda wkoll psikiku u fuq il-ħeġġa għax-xogħol. L-ewwel qorti qalet illi għaliha "m'huwiex biżżejjed li tgħid li kont qiegħed tbati minn depressjoni" biex ma tmurx għax-xogħol. Il-mard psikiku, iżda, ma huwiex anqas reali minn dak fiżiku. L-espert psikjatra maħtur mill-ewwel qorti ikkonferma illi l-attur "ibati minn stat ta' ansjetà u dipressjoni kronika" u illi "din il-kondizzjoni hi ta' livell fejn qiegħda tikkawża morbidità (*recte*, morbożità) konsiderevoli"[25].

"25. Huwa minnu illi, kif qalet l-ewwel qorti, l-attur kellu d-dmir li jnaqqas kemm jista' d-danni, iżda dan ma huwiex każ fejn l-attur kapriċċożament naqas minn dan id-dmir. Ma huwiex mistenni minnu li jagħmel aktar milli jiflaħ u, fiċ-ċirkostanzi, l-attur kien oġġettivament ġustifikat fl-imġieba tiegħu.

"26. Lanqas ma hija għalkollox tajba t-tielet raġuni li semmiet l-ewwel qorti, *viz.* illi dan it-telf ta' qligħ ġà tqies fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans*. F'dak il-kalkolu l-ewwel qorti tat biss tlieta u għoxrin fil-mija (23%) tat-telf u kompliet naqqsitu b'għoxrin fil-mija (20%) oħra. Effettivament, mela, tat biss tmenin fil-mija (80%) ta' tlieta u għoxrin fil-mija (23%), jew tmintax punt deċimali erbgħa fil-mija (18.4%).

---

[24] *Fol.* 227 tal-proċess tal-ewwel qorti.

[25] *Fol.* 201 tal-proċess tal-ewwel qorti.

"27. Min-naħa l-oħra ma huwiex minnu illi l-attur ma daħħal xejn bejn il-31 ta' Awissu 2006 u l-1 ta' Settembru 2008. Kif jidher minn dok. PM1[26], għat-tmien xhur bejn Mejju u Diċembru tal-2006 daħħal elfejn, disa' mija u sitta u ħamsin lira (Lm 2,956), u għalhekk għall-erba' xhur minn Settembru sa Diċembru, meta ma kienx jaħdem, daħħal elf, erba' mija u tmienja u sebgħin lira (Lm 1,478). Fl-2007, meta wkoll ma kienx jaħdem, daħħal sitt mija u sebgħa u tmenin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm 687.50). Għalhekk b'kollox daħħal elfejn, mija u ħamsa u sittin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm 2,165.50), jew ħamest elef u erbgħa u erbgħin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€ 5,044.26).

"28. Dan il-qligħ irid jitnaqqas mis-somma ta' tlieta u għoxrin elf u ħmistax-il euro u sittin ċenteżmu (€23,015.60) pretiża mill-attur, u jifdal bilanċ ta' sbatax-il elf, disa' mija u wieħed u sebgħin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 17,971.34). Rajna illi l-ewwel qorti ġà illikwidat tmintax punt deċimali erbgħa fil-mija (18.4%) minn dan it-telf u għalhekk jifdal wieħed u tmenin punt deċimali sitta fil-mija (81.6%), jew erbatax-il elf, sitt mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€ 14,664.61).

"29. Il-likwidazzjoni tad-danni għalhekk għandha tiżdied b'dan l-ammont, għalkemm taħt titolu ta' *lucrum cessans* mhux *damnum emergens*, kif jippretendi l-attur.

"30. L-ilmenti li ressaq l-attur dwar *lucrum cessans* huma erbgħa: i. dwar il-kalkolu tal-qligħ medju fis-sena fil-ġejjieni; ii. dwar il-*multiplier*; iii. dwar il-grad ta' debilità permanenti; u iv. dwar it-tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) mis-somma likwidata.

"31. Dwar il-qligħ medju l-attur josserva li l-ewwel qorti ħadmet fuq il-qligħ li l-attur kellu fl-aħħar sena sħiħa li ħadem – għaxart elef, ħames mija u dsatax-il euro (€ 10,519) fl-2005 – li għollietha għal tnax-il elf euro (€ 12,000) biex tagħmel tajjeb għaż-żjidiet li jingħataw fil-ġejjieni. L-attur imbagħad jirreferi għall-istqarrija li għamel hu fid-29 ta' Ottubru 2008[27] meta qal illi dak iż-żmien kellu dħul ta' ħamsa u disgħin lira (Lm95) fil-ġimgħa, li jiġu ħdax-il elf, ħames mija u seba' euro (€ 11,507) fis-sena, li jfisser illi ngħata ftit anqas minn ħames mitt euro (€ 500) fis-sena biex tagħmel tajjeb għaż-żjidiet fil-ġejjieni.

"32. Fil-fehma ta' din il-qorti, l-istqarrija tal-attur dwar id-dħul tiegħu ma hijiex l-aħjar prova. L-aħjar prova hija dik li saret b'dokumenti awtentiċi: l-aktar FS3 reċenti tat-taxxa duq id-dħul huwa dak tal-2006 li juri dħul ta' disgħa u tmenin lira (Lm 89) fil-ġimgħa, li jiġu erbat elef, sitt mija u tmienja u għoxrin lira (Lm 4,628) jew għaxart elef, seba' mija u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 10,780.34) fis-sena, li, ukoll jekk iżżid il-*bonus* statutorju, ma jġibux daqskemm qiegħed jippretendi l-attur.

"33. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, lil din il-qorti ma jidhrilhiex illi għandha tiddisturba din id-deċiżjoni tal-ewwel qorti.

---

26 *Fol.* 32 tal-proċess tal-ewwel qorti.

27 *Fol.* 220 tal-proċess tal-ewwel qorti,

“34. Dwar il-*multiplier* l-attur josserva illi kellu wieħed u erbgħin (41) sena meta seħħ l-inċident. L-età tal-irtirar illum hija ta’ ħamsa u sittin (65) sena, u għalhekk *multiplier* ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena ikun wiehed xieraq.

“35. Wasal il-waqt illi, ukoll fl-interess ta’ aktar oġġettività u prevedibilità, dan il-prinċipju jiġi skartat.

“36. L-attur jilmenta wkoll mill-fatt illi l-ewwel qorti ma qagħditx fuq l-esperti mediċi illi qalu illi l-grad ta’ debilità li jbati minnu l-attur huwa ta’ tmienja u għoxrin fil-mija (28%) u, minflok, sabet illi d-debilità hija biss ta’ tlieta u għoxrin fil-mija (23%).

“37. Huwa minnu illi l-opinjoni ta’ esperti fil-qasam ma għandhiex tiġi faċilment skartata mill-qorti, iżda huwa minnu wkoll illi l-qorti ma hijiex marbuta b’dik l-opinjoni u tista’ wkoll twarrabha għal raġunijiet tajba. L-ewwel qorti fil-fatt fissret ir-raġunijiet għala ma qagħditx għalkollox fuq dak li qalu l-esperti: qalet illi, wara li qieset il-fatturi “li jidher li kien hemm miljorament fl-istat psikiku tal-attur tant li reġa’ beda jmur għax-xogħol; l-età tal-attur; u li qabel l-inċident kellu diġà problemi ta’ saħħa, temmen li fiċ-ċirkostanzi rata’ ta’ diżabiltà ta’ 23% hi flokha minkejja li l-periti gudizzjarji ffissaw *weighted average* ta’ 28%”.

“38. Għalkemm ma kien ikun hemm xejn ħażin li kieku l-ewwel qorti qagħdet għalkollox fuq l-esperti mediċi, madankollu l-eżerċizzju li għamlet kien wieħed leċitu u fil-parametri leġittimi tad-diskrezzjoni tagħha. Fiċ-ċirkostanzi, lil din il-qorti ma jidhrilhiex illi għandha tiddisturba l-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti.

“39. L-aħħar ilment dwar il-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* jolqot it-tnaqqis ta’ għoxrin fil-mija (20%) minħabba l-ħlas bil-quddiem tad-dħul tal-ġejjieni. L-ewwel qorti għamlet dan it-tnaqqis għax l-inċident seħħ fl-2006 u s-sentenza ngħatat fi żmien relativament qasir ta’ tliet (3) snin. Illum għaddew tliet snin oħra u għalhekk it-tnaqqis sħiħ ta’ għoxrin fil-mija (20%) ma għadux ġustifikat. Meta tqis illi għaddew sitt (6) snin mill-wiehed u għoxrin (21) sena tal-*multiplier*, huwa xieraq illi t-tnaqqis jinżel għal ħmistax fil-mija (15%), b’dan illi l-imgħaxijiet jibdew igħaddu millum.

“40. Il-*lucrum cessans* mela għandu jinħadem hekk:

€12,000 × 21 sena × 23% × 85% = €49,266.

“41. Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* għall-ġejjieni fis-somma ta’ disgħa u erbgħin elf u mitejn u sitta u sittin euro (€49,266). Ma’ din għandha tiżdied is-somma ta’ erbatax-il elf, sitt mija u erbgħa u sittin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€14,664.61) telf ta’ qligħ għaż-żmien meta l-attur ma kellu dħul ta’ xejn għax ma kienx jaħdem, u elf euro (€1,000) *damnum emergens*, b’kollox erbgħa u sittin elf, disa’ mija u tletin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€64,930.61).

"42. L-aħħar aggravju jolqot l-ispejjeż. L-ewwel qorti ikkundannat lill-attur iħallas l-ispejjeż tal-konvenut Carmelo Rapa u l-ispejjeż tal-espert mediku Norbert Vella, u l-attur qiegħed jappella minn din id-deċiżjoni.

"43. Dan l-aggravju huwa ġustifikat. Ladarba l-appell tal-attur dwar ir-responsabilità tal-konvenut Carmelo Rapa sejjer jintlaqa', u l-ħtieġa tal-espert mediku nqalgħet minħabba l-ġrieħi li ġarrab l-attur bi ħtija tal-konvenuti, ma hemm ebda raġuni għala l-ispejjeż relativi għandu jbatihom l-attur.

"44. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

"i. tħassarha fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmelo Rapa u ċaħdet it-talbiet tal-attur safejn magħmula kontra dan il-konvenut, bl-ispejjeż, u, minflok, tiċħad l-eċċezzjoni, u tgħid illi l-konvenut Carmelo Rapa għandu jwieġeb *in solidum* mal-konvenut l-ieħor Joseph Rapa għad-danni li garrab l-attur u l-ispejjeż;

"ii. tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Rapa u qalet illi għandu jwieġeb għad-danni li ġarrab l-attur, b'dan iżda illi din ir-responsabilità hija *in solidum* mal-konvenut Carmelo Rapa;

"iii. tħassarha fejn illikwidat id-danni fis-somma ta' erbgħin elf seba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744) u, minflok, tillikwida d-danni fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, disa' mija u tletin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€64,930.61);

"iv. tirriformaha fejn ikkundannat lill-konvenut Joseph Rapa jħallas is-somma ta' erbgħin elf seba' mija u erbgħa u erbgħin euro (€40,744) u, minflok, tikkundanna lill-konvenuti Joseph Rapa u Carmelo Rapa flimkien *in solidum* iħallsu lill-attur is-somma ta' erbgħa u sittin elf, disa' mija u tletin euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€64,930.61), flimkien mal-imgħaxijiet relativi millum; u

"v. tirriformaha fil-kap tal-ispejjeż billi tħassarha fejn ikkundannat lill-attur iħallas l-ispejjeż tal-konvenut Carmelo Rapa u tal-espert mediku Norbert Vella u, minflok, tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu l-ispejjeż kollha. L-ispejjeż tal-appell għandhom ukoll iħallsuhom il-konvenuti."

**5.** Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fis-17 ta' Gunju 2013 li permezz taghha din il-Qorti ordnat it-thassir tas-sentenza tat-28 ta' Gunju 2012 u li l-appell jigi ritrattat, bl-ispejjez kollha a karigu tar-ritrattat Martin Xerri.

**<u>Fatti relevanti</u>**

**6.** L-attur qed jitlob id-danni kagun ta' incident li fih huwa ssawwat miz-zewg konvenuti. Irrizulta li hu tilef id-dawl ta' ghajnu l-leminija konsegwenza ta' daqqa ta' briksa li Joseph Rapa tah fuq ghajnu, filwaqt li ma sofriex griehi esterni ta' relevanza mid-daqqa ta' siggu li Carmel Rapa tah fuq rasu.

**7.** L-ewwel Qorti sabet lill-Joseph Rapa unikament hati ghall-hsara li sofra l-attur, u kkundannatu jhallas danni fl-ammont ta' erbghin elf, seba' mija erbgha u erbghin Euro (€40,744), filwaqt li ma sabitx htija fil-konfront ta' Carmel Rapa.

**8.** L-attur appella, kemm dwar l-ammont kif ukoll dwar in-nuqqas ta' sejbien ta' responsabbilta` da parti ta' Carmel Rapa.

**9.** <u>Fil-mori tal-appell</u> Joseph Rapa ttransiga l-kawza ghalih innifsu billi dahal fi ftehim ma' l-attur permezz ta' kuntratt pubbliku tal-20 ta' Mejju 2010 fejn tal-ewwel accetta li jittrasferixxi lill-attur l-ishma li kellu fi proprjeta` tal-valur komplessiv ta' ghoxrin elf Euro (€20,000), *"ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni illi l-akkwirent Martin Xerri ghandu u jista' jkollu fil-konfront ta' Joseph Rapa minhabba l-incident..."*.

Ftehmu wkoll li l-attur icedi l-appell fil-konfront ta' Joseph Rapa biss, filwaqt li l-appell fil-konfront ta' Carmel Rapa jibqa' intatt.

**10.** Dan il-ftehim sar ad insaputa ta' Carmel Rapa li sa dak iz-zmien ma kienx ghad hemm sejbien ta' htija fil-konfront tieghu, kif ukoll ma gietx informata l-Qorti tal-Appell.

**11.** L-appell gie deciz b'sentenza tat-28 ta' Gunju 2012 billi, a tenur tal-Artikolu 1049[1] tal-Kap.16 sabet liz-zewg konvenuti responsabbli *in solidum* bejniethom, u awmentat l-*quantum* tad-danni ghal erbgha u sittin elf, disa' mija u ghoxrin Euro (€64,920).

**12.** Wara li Carmel Rapa rcieva ittra ufficjali datata 17 ta' Awwissu 2012 fejn gie mitlub mill-attur li jhallsu l-imsemmi ammont ta' erbgha u sittin elf, disa' mija u ghoxrin Euro (€64,920), nieqes l-ammont ta' ghoxrin elf Euro (€20,000), flimkien ma' ammonti rapprezentanti imghaxijiet u spejjez, l-istess Carmel Rapa prezenta rikors ta' ritrattazzjoni. Eventwalment is-sentenza giet mhassra a tenur tal-Artikolu 811[a].

**13.** Sussegwentement l-attur ceda l-appell fil-konfront ta’ Joseph Rapa, filwaqt li zamm ferm ir-rikors tal-appell u d-drittijiet kollha tieghu fil-konfront ta’ Carmelo Rapa.

**L-Appell**

**14.** L-attur sejjes l-appell tieghu fuq tliet aggravji: [1] li Carmel Rapa wkoll kien jahti ghad-danni sofferti minnu; [2] li *l-quantum* tad-danni fissat mill-ewwel Qorti kellu jkun izjed minn dak stabbilit minnha; [3] li ma kellux jigi ordnat ihallas parti mill-ispejjez gudizzjarji.

*L-ewwel aggravju*

**15.** Dan hu fis-sens li Carmel Rapa kellu jinstab responsabbli *in solidum* flimkien ma’ Joseph Rapa, ghad-danni li sofra l-attur kagun tal-incident li fih dan tilef il-vista minn ghajn wahda, u li rizultat tal-istess baqa’ jbati minn anzjeta` u dipressjoni.

**16.** Rigward l-involviment ta’ Carmel Rapa fl-incident *de quo* u li attira fil-konfront tieghu r-responsabbilita` solidali ma’ Joseph Rapa, din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida li ghaliha ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni li waslet ghaliha din il-Qorti [diversament komposta] fis-sentenza tat-28 ta’

Gunju 2012, tenut kont li mill-provi jirrizulta manifest li kif qalet l-ewwel Qorti Carmel Rapa dahal fil-glieda bla bzonn, u ma kellu qatt ifajjar daqqa ta’ siggu fuq ras l-attur hekk kif dan kien ghadu kemm qala’ daqqa’ bi briksa go ghajnu. Ghalhekk abbazi ta’ dak li jghid l-Artikolu 1049 tal-Kodici Civili l-intervent doluz da parti ta’ Carmel Rapa fl-incident attira fil-konfront tieghu r-responsabbilta` *in solidum* ma’ Joseph Rapa ghall-hsara sofferta mill-attur rizultat tal-istess incident.

**17.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

**18.** Qabel xejn din il-Qorti tosserva li dwar il-*quantum* tad-danni ma tarax li ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti [diversament komposta] fis-sentenza taghha tat-28 ta’ Gunju 2012, u ghall-istess konsiderazzjonijiet hemm maghmula tikwantifika d-dannu soffert mill-attur fl-ammont ta’ erbgha u sittin elf, disa’ mija u tletin Euro u wiehed u sittin centezmi (€64,930.61).

**19.** Il-kwezit legali li tqajjem u li gie trattat f’dan l-istadju huwa jekk it-transazzjoni effettwata bejn l-attur u Joseph Rapa ghandhiex effetti legali fil-konfront ta’ Carmel Rapa wkoll, u jekk fl-affermattiv, sa liema grad.

**20.** Carmelo Rapa jsostni li l-effetti ta' din it-transazzjoni ghandhom jestendu ghalih bhala ko-debitur *in solidum* ma' Joseph Rapa, b'mod li l-attur ma jista' jivvanta ebda pretensjoni kontra tieghu, jew in subsidium il-*quantum* tad-danni gie kristalizzat fl-ammont indikat fil-kuntratt ta' transazzjoni, u allura l-pretenzjoni tal-attur fil-konfront ta' Carmel Rapa ma tistax teccedi dak l-ammont. Min-naha tieghu l-attur isostni li *ai termini* tal-Artikoli 1727 u 1728 tal-Kap.16 Carmel Rapa bhala "parti interessata" ma tistax tissolleva favur taghha dak li hu kien ftiehem ma' Joseph Rapa.

**21.** Din il-Qorti tosserva li Carmel Rapa f'din il-vertenza huwa izjed minn "parti interessata" ghax huwa debitur *in solidum* ma' Joseph Rapa fil-konfront tal-attur.

**22.** Fir-rigward l-awtur Pacifici Mazzoni josserva hekk:

> *"… essendo I debitori solidari associati fra loro, a cagione della stess solidarieta' per tutto cioe' che rigwarda il comune debito, devono considerarsi come mandatari gli uni degli atri rispetto a tutti gli atti che mirano a migliorare la lora condizione di fronte al creditore; percio' espempligrazia, tutti possono valersi della transazione convenuta dal creditore con alcuni debitori; o della sentenza da uno di loro ottenuta contro il medisimo."*[28]

[28] Istituzioni di Diritto Civile Italiano – Vol.IV. para.18 – sottolinear ta' din il-Qorti

**23.** Dan ifisser li, ghalkemm wiehed mill-ko-debituri ma jistax jaggrava l-pozizzjoni tad-ko-debituri l-ohra – *ad perpetuandum, non est augendum obligationem* – izda l-ko-debituri l-ohra jistghu jibbenefikaw mill-atti maghmula minn wiehed mill-ko-debituri li jiffavoreggjaw il-kundizzjoni tal-ko-debituri l-ohra, fil-konfront tal-kreditur.

**24.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-vertenza fil-kaz prezenti ghandha tigi regolata b'dak li jiddisponi l-Artikolu 1105 li jaqra hekk:

> "(1) Il-fatt li l-kreditur jircievi bicca mid-dejn, f'darba waħda jew iżjed, mingħand wieħed jew iżjed mid-debituri *in solidum* ma jfissirx rinunzja għall-obbligazzjoni *in solidum,* la favur id-debitur jew id-debituri li jkunu ħallsu l-biċċa mid-dejn, lanqas favur l-oħrajn, għalkemm il-kreditur, meta rċieva dik ilbiċċa, ma jkunx żamm espressament il-jedd għall-azzjoni tiegħu *in solidum* jew il-jeddijiet tiegħu in ġenerali.
>
> "(2) Dan igħodd ukoll meta l-kreditur jagħmel xi talba ġudizzjarja kontra wieħed jew iżjed mill-kondebituri għal biċċa mid-dejn.
>
> "(3) Lanqas jingħadd li hemm rinunzja, għalkemm is-somma meħuda b'akkont jew mitluba tkun daqs is-sehem tad-dejn li għalih id-debitur li jkun ħallas, jew li kontra tiegħu tkun saret it-talba għall-ħlas, huwa obbligat bejnu u l-kondebituri l-oħra.

**25.** Il-Qorti tosserva li mill-provi, u senjatament mill-kuntratt ta' transazzjoni maghmul bejn l-attur u Joseph Rapa, jirrizulta manifest li b'dak il-ftehim l-attur ma kienx qed jirrinunzja ghas-solidarjeta` fil-konfront ta' Carmel Rapa wkoll, anzi <u>fl-istess att l-attur espressament zamm intatt l-appell minnu intavolat fil-</u>

konfront ta' dan tal-ahhar. Dan juri li meta l-attur accetta l-ammont ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) minghand Joseph Rapa biex waqqa' l-pretenzjonijiet fil-konfront tieghu, huwa kien qed jaccetta parti mid-debitu akbar li l-attur kien qed jippretendi tad-dannu minnu subit. Min-naha tieghu, Carmel Rapa bhala ko-debitur *in solidum* ghandu jibbenefika mill-pagament maghmul minn Joseph Rapa lill-attur, billi dan l-imsemmi ammont jigi mnaqqas mill-ammont pretiz mill-attur u li gie defenit f'dan il-gudizzju.

**26.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat limitatament ghas-somma ta' erbgha u sittin elf, disa' mija u tletin Euro u wiehed u sittin centezmi (€64,930.61) nieqes l-ammont ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) li thallas minn Joseph Rapa fil-mori ta' dan l-appell, li jwassal ghall-bilanc ta' erbghin elf, disa' mija u tletin Euro u wiehed u sittin centezmi (€40,930.61).

*It-tielet aggravju*

**27.** Dan jirrigwada l-ispejjez akkollati lill-attur mill-ewwel Qorti. L-attur min-naha tieghu jsostni li m'ghandux ibati spejjez.

Kif fuq gja` spjegat, Carmel Rapa bl-intervent tieghu fl-incident irrenda ruhu wkoll responsabbli ghall-danni sofferti mill-attur, u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tallokalu spejjez.

**28.** Il-Qorti tosserva li, ghalkemm fil-kuntratt fuq indikat l-attur u Joseph Rapa ftehmu kif ser jigu spartiti l-ispejjez gudizzjarji bejniethom, dak il-ftehim jirrigwarda r-relazzjoni interna bejniethom u m’ghandhiex taffettwa lil Carmelo Rapa.

**29.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet fuq indikati tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata kif ser jinghad:

**i.** Thassarha fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Carmelo Rapa u cahdet it-talbiet tal-attur safejn maghmula kontra dan il-konvenut bl-ispejjez, u, minflok, tichad l-eccezzjoni, u tghid illi l-konvenut Carmelo Rapa huwa responsabbli *in solidum* ma’ Joseph Rapa ghad-danni li garrab l-attur u l-ispejjez;

**ii.** Thassarha fejn illikwidat id-danni fis-somma ta’ erbghin elf, seba’ mija erbgha u erbghin Euro (€40,744) u, minflok, tillikwida d-danni fis-somma ta’ erbgha u sittin elf, disa’ mija u tletin Euro u wiehed u sittin centemzu

(€64,930.61), u, stante li fil-mori tal-appell l-attur diga` thallas is-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000), tikkundanna lil Carmelo Rapa jhallas lill-attur il-bilanc ta' erbgha u erbghin elf, disa' mija u tletin Euro u wiehed u sittin centezmu erbgha u erbghin elf, disa' mija u tletin Euro u wiehed u sittin centezmi (€44,930.61), flimkien mal-imghaxijiet relattivi mil-lum;

**iii.** Tirriformaha fil-kap tal-ispejjez billi thassarha fejn ikkundannat lill-attur ihallas l-ispejjez tal-konvenut Carmelo Rapa u tal-espert mediku Norbert Vella, u, minflok, tikkundanna lill-istess Carmelo Rapa jhallas l-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll tal-appell inkwantu jikkoncernaw lilu, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez, ghandhom jibqghu a karigu ta' Joseph Rapa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------